MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 487/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**David Zammit Gauci**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra David Zammit Gauci ta' 41 sena mwieled fis-7 ta' Lulju 1964 f'Tas-Sliema bin John u Myra nee Lapira u residenti f'no 27 Triq Melita Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 336264 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, bejn is-6 u 7 ta' Marzu 2006 u / jew fil-jiem ta' qabel f'San Pawl il-Baħar ikkommetta

serq ta’ ħwejjeġ liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz għad-detriment ta’ Sunflower Hotel u l-operaturi tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrija tal-imputat (fol 3), il-current incident report li sar fis-7 ta’ Marzu 2006 (fol 5 u l-istess a fol 54), id-dokument a fol 8, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3362 tal-1964, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 15 u 16), u l-fedina penali tal-imputat (fol 21)

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Li fis-7 ta’ Marzu 2006 ċertu Keith Pace li kien jaħdem bħala house manager mas-Sunflower Hotel f’San Pawl il-Baħar irraporta fl-Għassa tal-Qawra li kienu ilhom isibu flus neqsin mill-coin phone. Kienu ddeċidew li jimmarkaw xi flus li waddbu f’din il-phone box. Dawn kienu żewġ coins tal-Lm1, coin tal-50 cents u coin tat-25 cents u coin tat-10 cents. Dawn immarkawhom b’xi daqqiet u kienu esibiti fil-Qorti.

Fis-7 t’April 2006, għall-ħabta tas-6.30 am Keith Pace mar ma’ Renaldo Azzopardi u mas-security officer Alfred Fasanelli u ndunaw li l-flus kienu neqsin. Il-phonebox ma kellha ebda tkissir jew sgass u għalhekk ħasbu li kien hemm xi ċavetta falza.

Huma laqqgħu l-ħaddiema u fittxewlhom u dawn il-flus instabu għand l-imputat. Huma kellmuh u qalilhom li ma kienx seraqhom u ma kienx jiftakar kif dawn il-flus ġwew għandu.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li l-management kienu talbuh biex jiżvojta l-bwiet. Dan ġara wara li kien spiċċa x-shift ta’ bil-lejl. Meta poġġa l-flus fuq il-mejda dawn qalulu li kien hemm xi flus mmarkati b’xi daqqiet li kienu

għamluhom huma stess biex jippruvaw jaqbdu min kien qed jisraq.

Lilu urewh il-flus u hu qal li ġieli sarraf xi flus lill-klijenti u ġielei ngħata xi tips. Kien ġieli sarraf il-flus mill-cash flow.

**Imbagħad kien mistoqsi hekk;**

**'Kif tispjega li l-flus kollha li kienu mmarkati spiċċaw għandek?'**

**U l-imputat wieġeb 'Ma nafx kif nista' nispjega.' (fol 9).**

Qabel beda x-xogħol kellu xi Lm60 flus personali bħala notes u xi tliet liri coins.

Xehed Keith Pace li qal li kienu jsibu t-telefon miftuħ. Darba minnhom tefa' xi flus immarkati. Filgħodu kien mar jiċċekkjahom u infoma lill-HR tal-Kumpanija. Filgħodu marru u ma sabuhomx hemm. Talbu lill-imputat joħroġ il-muniti mill-but u rriżultaw li kienu dawk li kien poġġa x-xhud stess mmarkati u ħa fotokopja tagħhom. (ara fol 8). Hawn semma l-flus li kien immarka (fol 23). Intwerew il-coins u beda jsemmi x'marki saru fuq kull waħda. Huwa kien ċert li kienu l-ikstess flus għax kien għamel fotokopja tagħhom u kien immarkahom. Meta l-imputat ħareġ il-muniti, dawn kollha kienu għandu. (fol 24). Il-coin box kien biss xi tleit metri minn fejn kien jaħdem l-imputat. Lil David Zammit kienu kellmuh x-xhud, l-HR u s-security tal-kumpanija flimkien. L-imputat kien qalilhom li forsi xi ħadd sarraf u huma kienu qalulu li kieku kien jisma' t-elfon jinfetaħ.

Fil-kontroeżami x-xhud qal li l-hotel ma kellhiex intenzjoni li tagħlaq. Kienu offrewlu li jekk jammetti u jirriżenja, huma ma jmorrux għand il-Pulizija. L-imputat kien ħareġ il-coins wara diversi drabi għax hu ma rieds joħroġhom mill-ewwel. Muniti oħra bid-daqqiet kif għamel ix-xhud ma nstabux.

Renaldo Azzopardi, li kien il-Joint Operations Manager u Human Resources Manager xehed li kienu ilhom isibu

flus neqsin mill-box. Keith Pace kien qallu li ser jagħmel ċerti flus immarkati fil-kaxxa. Filfatt kienu għamluhom hu u Adrian Mamo. Imbagħad meta marru x-xhud, Alfred Fasinelli u Keith Pace, il-flus ma nstabux. L-imputat qalilhom li ħadd am kien daħal filgħaxija u lanqas ma kein sema' il xi ħadd jisraq. L-imputat kemm-il darba irrifjuta li jiżvojta l-bwiet. Fl-aħaħr ħariġhom b'suppervja. Huma sabu li l-flus li kienu mmarkaw u ħadu l-fotokopji keinu hemm. L-imputat irrifjuta jametti li kien ħadhom hu. Huam kellhom ċavetta waħda biss tal-coin box.

Meta kien riprodott Renaldo Azzopardi xehed li f'Jannar 2004 fejn kien allegat li kellhom envelope bil-cash u kien ġie missing mir-reception u l-imputat kien wieħed li kellu x'jaqsam ma' dan l-envelope. Instabet karta b'warning lill-imputat. (fol 60).Ix-xhud iddeskriva wkoll id-daqqiet li kienu taw fuq il-muniti.

Xehed ukoll Alfred Fasanelli li qal li kien intalab mis-superjuri tiegħu biex ikun preżenti fis-6.00 am. Wasal Renaldo Azzopardi u marru fuq ir-receptionist u qalulu li kienu mmarkaw xi flus u talbuh biex joħroġ il-flus mill-but. L-imputat ħareġ il-flus u dawn kienu dawk li kienu mmarkati. Il-flus kienu Maltin u kienu coins.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li Keith Pace kien qallu li kien mmarka l-flus billi ssegahom mal-ġenb. Huwa kien qallu li kien poġġiehom fit-telephone box. Huwa kein ra waħda mill-muniti bid-daqqa. L-imputat kien qalilhom li setgħu iġibu l-Pulizija u ċaħad li ħa xi flus mit-telefon box.

**Difiża**

Xehed l-imputat qal li bejn is-6 u 7 ta' Marzu 2006 huwa kien xogħol bil-lejl. Huwa kien jaħdem ta' receptionist u jagħmilha ta' night auditor. Il-bar kienu jieħdu ħsiebu żewġ persuni oħrajn. Wara s-2.00am huwa kien jieħu ħsieb il-bar ukoll. Kien hemm żewġ telefon boxes. In-nies kienu jmorru għandu biex isarrfu. Huwa kein jieħu ż-żgħar għax ġielei ma kienx isb flus żgħar. Meta wasal beix jispiċċa x-xogħol talbuh biex jidħol fl-uffiċju u ordnawlu jiżvojta l-

bwiet. L-imputat żvojta kollox. Imbagħad bdew iqabblu l-coins u qalulu li tlieta minnhom kienu fit-telphone box.

L-imputat qal li huwa ma kienx ħa flus mit-telephone box u kien spjega li jmorru ħafna neis isarrfu għandu.

L-imputat kien qallu li jista' jdaħħal il-Pulizija għax hu (l-imputat) ma kein għamel xejn ħażin.

Hawn inqratlu l-istqarrija li kien għamel l-imputat lill-Pulizija.

L-imputat spjega wkoll x'kien ġara mill-envelopp tal-flus li kien issemma' qabel. (fol 98). Il-flus kienu rrifondewhom hu, Ramona u Sean.

Wara li l-kienu akkużawh kienu keċċewh. L-imputat qal li kienu keċċew ir-receptionist ta' qablu u kienu keċċew ukoll duty manager.

Fil-kontro-eżami l-imputat qal li ma setax jiftakar min kien tah il-coins.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Jirriżulta bla dubju ta' xejn li fil-coin box kienu ntefgħu ħames coins (ara fol 7) immarkati li fil-valur iwasslu sa Lm2.85 (illum €6.64).

Jirriżulta wkoll li dawn il-coins kollha nstabu għand l-imputat (Ara x-xhieda ta' Keith Pace aktar 'il fuq u l-mistoqsija li saret waqt l-istqarrija tal-imputat).

L-imputat qal li hu kien isarraf il-flus iżda se mai huwa kien jagħti l-flus iż-żgħar flok il-kbar. Ma tantx jista' jitwemmen li min eleva dawn il-flus ġie u tahomlu speċjalment dawk li kienu ta' denominazzjoni żgħira.

Imur ukoll kontra l-probabilita' matematika, li dawn il-flus kollha li kienu mmarkati jispiċċaw għandu.

Il-fatt li ma nstab ebda sgass fuq il-box jew il-fatt li ma kienx ppruvat li l-imputat kellu xi ċavetta falza ma jfisser assolutament xejn ħdejn evidenza ta' re furtiva misjuba fl-intier tagħha għand l-imputat.

Il-Qorti tqis li l-verżjonijiet kollha li ta l-imputat għall-preżenza tal-muniti ( tisrif, tips, iġib il-flus mid-dar, hotel li ser tagħlaq) m'huma b'ebda mod konvinċenti u lanqas biss m'għandhom validita' bħala prova fuq bażi ta' probabilita' biss. B'ebda mod ma jfarrku l-prova ċara li l-flus immarkati nstabu għandu **kollha.**

Il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni b'dan pero' li ma nġiebet ebda prova dwar il-gravanti ta' mezz.

Konkluzjoni

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(b), 263, 278(1), 284 u 285 tal-Kap 9 mhux qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta bil-gravanti tal-mezz iżda qed issibu ħati ta' serq sempliċi, liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontrih iżda stante li l-imputat għandu fedina penali netta flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------